## STQARRIJA GĦALL-MEDIA:

### Is-seba' Konferenza Annwali tal-NCPE
### Disa' organizzazzjonijiet oħra jingħataw il-Marka tal-Ugwaljanza

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza organizzat is-seba' Konferenza Annwali li matulha disa' organizzazzjonijiet/entitajiet ingħataw il-Marka tal-Ugwaljanza. Din il-Konferenza Annwali elenkat l-iżviluppi ewlenin li nkisbu matul l-2010 kif ukoll ingħatat ħarsa 'l quddiem għall-mod kif tista' tinkiseb ugwaljanza fil-fatt fis-soċjetà kollha.

Is-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport, l-Onor. Clyde Puli, fl-indirizz tal-ftuħ, tkellem dwar kif l-ugwaljanza f'Malta mxiet 'il quddiem fl-aħħar snin u semma wkoll l-importanza ta' impenn ma jaqta' xejn biex tinkiseb ugwaljanza fil-fatt.

Id-Direttur Eżekuttiv tal-NCPE, Dr Romina Bartolo, tat ħarsa estensiva lejn l-inizjattivi u l-miżuri li ttieħdu mill-NCPE fl-2010. Matul din l-aħħar sena ġie implimentat il-proġett ko-ffinanzjat mill-PROGRESS bl-isem *'VS/2009/0405 – Insaħħu l-Ugwaljanza lil Hinn mil-Leġislazzjoni'*. It-taħriġ u r-riċerka li saru tul dan il-proġett, qalet Dr Bartolo, jgħinu lill-NCPE biex issir aktar konxja tal-azzjonijiet meħtiega li jridu jittieħdu sabiex jissaħħaħ aktar dan il-qasam tal-leġislazzjoni u jkun assigurat l-implimentazzjoni, kif ukoll l-infurzar adekwat tagħhom.

Il-proġett li għadu għaddej *FSE 3.47 – Natwalizzaw il-Potenzjal tal-Mara*, qed jagħti ċ-ċans lill-kumpanijiet biex javvanzaw il-miżuri favur il-familja li huma joffru u għalhekk jassiguraw bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-familja għall-irġiel u għan-nisa fis-suq tax-xogħol. Id-Direttur Eżekuttiv tal-NCPE spjegat li l-Marka tal-Ugwaljanza saret ċertifikazzjoni mixtieqa minn min iħaddem li jikkompetu għal ħaddiema kkwalifikati u validi.

Matul l-2010, l-NCPE kompliet tirċievi talbiet għall-informazzjoni dwar diversi suġġetti li għandhom x'jaqsmu mal-ugwaljanza, kif ukoll l-ilmenti komplew jitressqu regolarment. Uħud minn dawn l-ilmenti kienu jinkludu allegat trattament mhux ġust fuq il-post tax-xogħol minħabba responsabbilitajiet tal-familja; allegazzjonijiet ta' abbuż sesswali bejn il-ħaddiema u min iħaddem u allegazzjonijiet ta' tkeċċija mix-xogħol minħabba t-tqala. Għal dak li għandu x'jaqsam ma' diskriminazzjoni abbażi ta' razza, l-NCPE matul l-2010 rċeviet ilmenti li kienu jinvolvu allegazzjonijiet ta' diskriminazzjoni abbażi ta' razza fl-aċċess għall-viża u fl-aċċess għal *bars* u *clubs*.

F'din il-Konferenza Annwali saret it-tieni ċerimonja tal-għoti tal-Marka tal-Ugwaljanza lil dawk l-organizzazzjonijiet iċċertifikati. Disa' organizzazzjonijiet: Alert Communications,

Chetcuti Cauchi & Associates, Korporazzjoni Enemalta, FTIAS, id-Dipartiment tal-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet, Intercomp Group, Link School of English, l-Uffiċju Nazzjonali tal-Verifika u World Aviation Group kienu ċċertifikati bħala organizzazzjonijiet li verament joffru opportunitajiet indaqs f'dak li għandu x'jaqsam mal-ġeneru. Għalhekk, se jkunu qed jużaw il-logo tal-Marka tal-Ugwaljanza fil-pubblikazzjonijeit u d-dokumenti tagħhom. Mis-sena li għaddiet 'l hawn, total ta' 17-il organizzazzjoni/entità ngħataw din il-Marka tal-Ugwaljanza.

Wara l-għoti tal-Marka tal-Ugwaljanza, saret preżentazzjoni u diskussjoni fuq sterjotipi assoċjati mal-ġeneru u r-razza li tmexxiet mill-Eżekuttiv Anzjan għat-Taħriġ u *Policies*, is-Sra Maria Filletti. Is-Sra Filletti tkellmet dwar kif l-idea tal-isterjotipi tinfluwenza l-ħsieb u l-azzjonijiet tan-nies filwaqt li enfasizzat il-mod kif nistgħu nagħrfu dawn l-isterjotipi u nkunu minn ta' quddiem li neliminawhom.

Fil-kummenti konklussivi tagħha, il-Kummissarju tal-NCPE s-Sra Maud Muscat, irringrazzat lill-predeċessuri tagħha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-NCPE u lill-ħaddiema kollha għax-xogħol li għamlu biex l-NCPE tkun dak li hi llum.

Għal aktar informazzjoni dwar il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE) ġentilment agħmel kuntatt fuq equality@gov.mt jew fuq 2590 3850.

**L-Erbgħa 23 ta' Marzu, 2011**